MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 661/2012/1

**Rikors numru 661/12 JAipprezentat fit-28 ta' Gunju 2012, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 867/12 fl-ismijiet:**

**Salvino Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera assenti Rexa Facilitations Limited registrat fir-Renju Unit kif debitament awtorizzat, u b'nota tat-23 ta' Dicembru 2004, assuma l-atti l-istess Saviour Farrugia issa bhala mandatarju tal-assenti George Griffith mahtur stralcjarju tal-kumpanija Rexa Facilitation Limited**

**v.**

**Exalco Holdings Limited (C-11273) illum maghrufa bhala Exalco Group Limited (C-11273)**

**Il-Qorti:**

Rat li dan hu appell minn zewg digrieti moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awwissu 2012, li bihom dik il-Qorti cahdet talba tar-rikorrent Exalco Holdings Ltd, illum maghrufa bhala Exalco Group Ltd, ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 867/12 mahrug mill-istess Qorti fis-26 ta' Gunju 2012 u awtorizzat l-esekuzzjoni tas-sentenza mill-akkwirent tad-dritt litigjuz involut f'dik il-kawza.

It-talba tas-socjeta` Exalco kienet taqra hekk:

"Illi hija ghadha kemm giet notifikata bil-fuq imsemmi mandat ta' sekwestru ezekuttiv illi gie pprezentat fil-konfront taghha fid-19 ta' Gunju 2012, minn Salvino Farrugia fil-kwalita` tieghu premessa u li gie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Gunju 2012.

"Illi l-istess mandat gie mahrug a bazi ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Marzu 2012 (Citazzjoni Nru 2041/1999/1 JRM) fil-kawza fl-ismijiet premessi.

"Illi rrizulta lill-esponenti illi fil-mori tal-kawza, u senjatament, fil-21 ta' Ottubru 2006, is-socjeta` assenti Rexa Facilitation Limited illi kienet registrata fir-Renju Unit kienet giet xjolta ossija *'dissolved',* u ghalhekk ma baqghetx tezisti bhala persuna legali skont il-Ligi u dan kif jirrizulta mic-certifikazzjoni mahruga mir-Registratur tas-Socjetajiet fl-Ingilterra illi huwa hawn anness u mmarkat Dok. A.

"Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car meta nghatat is-sentenza minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Marzu 2012, fil-kawza fl-ismijiet premessi, kif suespost, l-istess sentenza inghatat favur ta' entita` inezistenti; u konsegwentement fid-19 ta' Gunju 2012 l-imsemmi Salvino Farrugia nomine ma kellu l-ebda dritt jew interess

legali iehor illi seta’ jezegwixxi skont il-Ligi u ghalhekk il-mandat ta’ sekwestru odjern inhareg hazin billi ma kellu l-ebda bazi legali skont il-Ligi.

“Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprocedi urgentement u immedjatament sabiex tirrevoka u thassar ghal kollox il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 867/2012 illi gie pprezentat fil-konfront taghha fid-19 ta’ Gunju 2012 minn Salvino Farrugia fil-kwalita` tieghu premessa u li gie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta’ Gunju 2012.”

Filwaqt li r-risposta ta’ Salvino Farrugia nomine kienet taqra hekk:

“Illi s-socjeta` Rexa Facilitations Limited kienet talbet lil Exalco Holdings Limited, illum Exalco Group Limited talbet b’citazzjoni numru 2041/99 (JRM) fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe v. Exalco Holdings Limited** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Marzu 2012 biex thallasha l-kreditu lilha dovut kif mitlub fl-istess citazzjoni kif ukoll talbet il-likwidazzjoni tad-danni u b’kontrotalba Exalco Holdings talbet id-danni li kienet tippretendi li hija soffriet minhabba l-azzjoni tal-attur.

“Illi b’Mandat ta’ Sekwestru numru 4181/99 fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe v. Exalco Holdings Limited** l-esponenti fit-23 ta’ Settembru 1999 kien talab il-hrug ta’ dan il-mandat li gie provvizorjament akkordat minn din il-Qorti.

“Illi b’rikors ghar-revoka pprezentat fis-6 ta’ Ottubru 1999 Exalco Holdings Limited talbu r-revoka *contrario imperio* ta’ dan il-mandat kawtelatorju li gie michud fis-6 ta’ Dicembru 1999.

“Illi fit-23 ta’ Dicembru 2004 b’nota pprezentata fl-atti tal-kawza fuq imsemmija Salvino Farrugia informa lil Qorti illi huwa gie nominat bhala mandatarju tal-assenti George Griffith li gie mahtur stralcjarju tal-kumpanija Rexa Facilitations Limited.

“Illi fis-seduta tal-21 ta’ April 2005, il-kawza odjerna din thalliet ghas-sentenza, liema sentenza giet pronunzjata minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta’ Marzu 2012.

“Illi waqt li l-kawza kienet differita ghas-sentenza, l-istralcjarju George Griffith fit-28 ta’ Gunju 2006, biegh il-kreditu lil John Denoon Reid skont skrittura hawn annessa u mmarkata bhala dokument “A” kif jirrizulta mill-affidavit tal-25 ta’ Gunju 2012 maghmul mill-istess George Griffith hawn anness u mmarkat bhala dokument “B”.

“Illi b’ittra ufficjali tal-10 ta’ Lulju 2012 hawn annessa u mmarkata bhala dokument “E” Salvino Farrugia sia ghan-nom ta’ George Griffith bhala stralcjarju ta’ Rexa Facilitations Limited u sia ghan-nom ta’ John Denoon Reid informa lil Exalco Group Limited a tenur tal-Artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta bic-cessjoni tal-kreditu u tal-imghaxijiet dovuti lill-imsemmi John Denoon Reid.

“Illi sussegwentement ghal din is-sentenza u wara li din giet reza finali stante li ma sar l-ebda appell minn Exalco Holdings Limited illum Exalco Group Limited b’nota pprezentata fl-atti tal-Mandat 4181/99 fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe v. Exalco Holdings Limited** a tenur tal-Artikolu 838B(2)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan il-mandat gie rez ezekuttiv b’digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tal-11 ta’ Gunju 2012.

“Illi minkejja dan, fil-frattemp kien inhareg mandat ezekuttiv iehor 867/12 fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe v. Exalco Holdings Limited**.

“Illi sal-gurnata tal-lum il-Banek ghadhom ma ddepozitaw l-ebda ammonti fir-Registru ta’ din il-Qorti.

“Illi l-intimat kien talab il-hlas tal-ammont dovut u b’*e-mail* tad-29 ta’ Marzu 2012 hawn anness u mmarkat dokument “C” l-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona, Exalco Holdings Limited illum Exalco Group Limited ried

*‘unequivocal evidence of succession of litigation rights’* lil John Denoon Reid qabel ma s-socjeta` Rexa Facilitations Limited giet xjolta.

“Illi sussegwentement Exalco Group Limited baghat *e-mail* fit-8 ta’ Mejju 2012 hawn anness u mmarkat bhala dokument “D” fejn ried ihallas biss il-kapital u l-imghaxijiet mis-sentenza u mhux kif deciz fl-istess sentenza tas-17 ta’ Awwissu 1999 u dan oltre l-ispejjez tal-kawza.

“Illi fil-frattemp kienet ingabet il-prova sia lill-Avukat Borg Cardona u sia lill-intimat Exalco Group Limited tac-cessjoni tal-kreditu u intbaghtet kopja ta’ dan l-istess Avukat Borg Cardona ghan-nom tal-klient tieghu a tenur tad-dokument “A” u “B” hawn anness.

“Fil-frattemp l-intimat biddel il-konsulent legali tieghu u minkejja li kienet ingabet il-prova tac-cessjoni tal-kreditu li saret fit-28 ta’ Gunju 2006, sena u nofs wara giet differita ghas-sentenza u hames snin u nofs qabel ma nghatat l-istess sentenza, l-intimat ippretenda li m'ghandux ihallas dan il-kreditu *ergo* sar dan ir-rikors ghar-revoka tal-mandat odjern u dan a tenur tal-Artikolu 283A.

“Illi a tenur tal-Artikolu 259(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula illi c-cessjonarju tal-kreditur ossija r-rikorrenti odjerni jistghu jaghmlu rikors li jigi notifikat lid-debitur fejn jitolbu lil Qorti sabiex jigi esegwit kull titolu ezekuttiv f’isem il-kreditur.

“Illi ghalhekk kontestwalment ma’ din ir-risposta biex tigi michuda t-talba ghar-revoka u ghat-thassir tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv qed jigi pprezentat ir-rikors appositu fl-atti ta’ dan il-mandat ezekuttiv biex id-debitur Exalco Holdings Limited ihallas l-import tas-sentenza deciza fis-7 ta’ Marzu 2012 favur George Griffith bhala stralcjarju ta’ Rexa Facilitations Limited lil John Denoon Reid a tenur tad-dokumenti “A” u “B” esebiti fl-atti ta’ dan ir-rikors.

“Ghaldaqstant it-talbiet ta' Exalco Group Limited ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u din il-Qorti ghandha tordna illi kull depositu depositat minn

Banek fl-atti ta’ dan il-mandat u/jew fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv 4181/99 fl-ismijiet premessi jigu zbankati minn Salvino Farrugia nomine.”

L-ewwel Qorti, kif inghad, cahdet it-talba tas-socjeta` Exalco u laqghet, mill-banda l-ohra, talba tal-imsemmi Salvino Farrugia biex jesegwixxi s-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Marzu 2012, f’isem John Denoon Reid li kien akkwista d-dritt litigjuz li kellha s-socjeta` allura attrici Rexa Facilitations Limited. F’dik is-sentenza, is-socjeta` Exalco giet ikkundannata thallas lis-socjeta` Rexa Facilitations Ltd is-somma ta’ kwazi €15,000 bl-imghaxijiet u l-ispejjez kif indikati fl-istess sentenza.

Id-decizjoni tal-ewwel Qorti li bih cahdet it-talba tas-socjeta` Exalco taqra hekk:

“Illi jirrizulta li l-kawza li tat lok ghas-sentenza inkwistjoni giet differita ghas-sentenza fil-21 ta’ April 2005 ghalkemm inghatat fl-2012.

“Ghalhekk kemm it-trasferiment tal-kreditu u kemm ix-xoljiment tas-socjeta` inkwistjoni saru matul dan il-perjodu.

“Kwindi skont gurisprudenza kostanti ma kienx hemm nullita` tas-sentenza minhabba l-akkadut fil-perjodu inkwistjoni.

“Il-Qorti ma jidrilhiex illi f’dan l-istadju ghandha tinvestiga t-titolu ezekuttiv illi nhareg in segwitu ghal sentenza illi ghaddiet in gudikat, u ma jezistux ir-rekwiziti tal-Art. 382 biex it-talba tigi akkolta.

“Ghaldaqstant tichad it-talba tas-socjeta` rikorrenti.

“Bl-ispejjez kontra taghha.”

Illi mill-premess jirrizulta li s-sentenza li nghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 2012, nghatat a favur George Griffith, stralcjarju tal-kumpanija Rexa Facilitations Ltd. Dakinhar tas-sentenza, id-dritt litigjuz naxxenti mill-

kawza kien gia` mibjugh mis-socjeta` attrici lill-certu John Denoon Reid u dan fit-28 ta’ Gunju 2006, u s-socjeta` attrici giet xolta fil-21 ta’ Ottubru 2006. Dan kollu ma giex rifless fl-okkju tal-kawza peress li ma saritx talba ghal-legitimazzjoni tal-atti. Dan, pero`, ma jwassalx ghan-nullita` tas-sentenza, peress li dan kollu sehh wara li l-kawza kienet differita ghas-sentenza; fil-fatt, il-kawza thalliet ghas-sentenza fis-seduta tal-21 ta’ April, 2005.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Azzopardi v. Azzopardi** deciza fit-12 ta’ Lulju 2005, il-fatt li l-attur kien, meta nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti, rikoverat fl-isptar Monte Carmeli u kwindi ma kellux legalment *locus standi* fil-kawza, ma jwassalx ghan-nullita` tas-sentenza la darba l-allegat rikoveru tal-attur fl-isptar Monte Carmeli *“sehh wara li l-kawza kienet diga` thalliet ghas-sentenza, f’liema kaz l-allegata legittimazzjoni tal-atti ma kienitx mehtiega skont il-ligi.”*

Hekk ukoll, din il-Qorti fil-kawza **Spiteri v. Scicluna** deciza fit-23 ta’ Ottubru 1987 kienet osservat b’sens generali illi:

“Kambjament ta’ stat ta’ wiehed mill-partijiet *‘non spiega alcuna afficacia se non quando la lite non e` ancora in stato di essere decisa, mentre se, al contrario, e` in istato di essere giudicata, il verificarsi dell’evento rimane senza effetto interruttivo’.”*

Din il-pozizzjoni ma tbiddlitx bl-introduzzjoni fl-1995 tal-Artikolu 810A fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, peress li dak l-artikolu ma jghid xejn fuq il-htiega o meno tal-legitimazzjoni tal-atti meta jkun jonqos biss l-operat tal-gudikant.

Studju tal-pozizzjoni legali f’kaz ta’ bdil tal-pozizzjoni tal-partijiet f’kawza sar minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Farrugia et v. JIT Trading Ltd** deciza fis-17 ta’ April 2009 fejn intqal hekk dwar il-htiega o meno li ssir il-legitimazzjoni tal-atti:

*"Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jistatwixxi fl-Artikolu 806 tieghu l-procediment li ghandu fil-kaz tal-mewt ta' xi parti, jigi ezegwit mill-werriet, l-ezekutur jew minn kull wiehed iehor li jkollu interess ghal-legittimazzjoni ta' l-atti. Per principju, is-sentenza li tigi moghtija minghajr ma tkun saret din il-procedura hija nulla jekk meta miet il-parti il-kawza ma tkunx ghadha waslet fl-istat li tista' tigi deciza. Ara "***Giuseppe Callus -vs- Raffaele Psaila***", Appell Kummercjali, 21 ta' Novembru, 1932. Dan premess, hemm qbil pero` ma' l-affermazzjoni ta' l-appellanti illi, fuq it-taghlim tal-Mattirolo u tal-Mortara adoperat fil-gurisprudenza taghna, il-principju ma huwiex wiehed assolut u, anzi jsofri limitazzjoni meta l-kawza tkun waslet fi stat li tkun tista' tigi gudikata. Ara, fost ohrajn, "***Rev. Arcipriet Kanonku Dun Gio Carlo Burlo nomine -vs- Avv. Dr. Joseph Galea et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Marzu, 1964. Hemm ukoll qbil ma' l-appellanti illi l-eccezzjoni relattiva tan-nullita (hlief fil-kaz ta' divizjoni) tmiss biss lil persuna li ghandha l-istess interess li kellha l-persuna l-mejta ghaliex "quella eccezione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto, i quali potevano rinunziare alla stessa ..." ("***Giuseppe Pace et -vs- Consolata Camilleri et***", Appell Civili, 4 ta' Gunju, 1932). L-applikazzjoni ta' dan il-principju jabbunda fil-gurisprudenza taghna. Ara "***Alfredo Tonna -vs- Emanuele Vella et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1952 u "***Carmela Mallia et -vs- Beatrice Camilleri***", Appell Civili, 21 ta' Ottubru, 1988."*

Fid-dawl ta' dan it-taghlim, u kif qalet l-ewwel Qorti f'dawn il-proceduri, is-sentenza li nghatat fis-7 ta' Marzu 2012, hija valida u issa impunjabbli.

Dan, pero`, mhux kollox. Is-socjeta` Exalco Holdings Ltd, illum maghrufa bhala Exalco Group Ltd, mhux qed titlob in-nullita` tas-sentenza, izda r-revoka u thassir tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li nhareg bl-istess okkju li kellha s-sentenza, u cioe`, minn socjeta` li ma tezistix.

Hawnhekk, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti li ma tinvestigax il-validita` ta' dan il-mandat, ghax att

ipprezentat minn persuna 'mejta' jew ma tezistix huwa fil-principju null u bla effett. Fil-fatt, fil-kawza **Farrugia et v. JIT Trading Ltd** imsemmija, din il-Qorti kienet qieset valida sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li nghatat fil-konfront ta' persuna li lahqet mietet wara li l-kawza kienet differita ghas-sentenza, pero`, qieset null appell li sar mill-istess persuna mejta qabel ma saret il-legittimazzjoni tal-atti. Dik il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:

"Jinzel minn dan illi biex is-successur fid-dritt kontrovertit ikollu s-setgha li jimpunja s-sentenza moghtija kontra d-*dante causa* tieghu hu kellu jkun approvat bhala werriet fil-veste ta' parti fil-process. Dan permezz ta' talba li hu htieglu jaghmel skond l-Artikolu 806 predett <u>jew</u> qabel l-ghoti tas-sentenza <u>jew</u> konkorrentement mal-prezentata ta' l-appell minn dik is-sentenza. Jghidu x'jghidu l-ligijiet ta' pajjizi ohra, la l-ligi taghna ma tikkontjenix disposizzjoni espressa illi fil-fazi tal-procediment interrott bl-evenjenza ta' mewt hu permissibbli li jigu intavolati atti ohra minghajr ma dawn jitqiesu nulli, ritwalment l-appell intavolat ma setax jigi propost minn parti deceduta li tkun sfat sokkombenti. Fiz-zgur, imbaghad, dan lanqas seta' jigi propost minn Tony Farrugia fil-veste ta' eredi ghax hu f'dak il-mument tal-prezentata ta' l-appell ma kellux l-interess guridiku li hekk jaghmel la darba ma kienx opportunement ottempera ruhu mal-formalita` tal-ligi fit-termini tal-precitat artikolu tal-Kapitolu 12. Ghal kull effetti, dak l-interess fil-kwalita ta' successur ma kienx ghadu dahal fil-patrimonju tad-drittijiet tieghu."

Kwindi, il-mandat ta' sekwestru ma kellux jigi pprezentat f'isem socjeta` 'mejta' u li kienet ukoll ittrasferiet id-dritt litigjuz taghha qabel ma giet *dissolved* u mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpanija.

Gara pero`, f'dan il-kaz, li wara l-prezentata tal-mandat ta' sekwestru, sar rikors minn Salvino Farrugia ghan-nom ta' John Denoon Reid biex, bhala akkwirent tad-dritt li kellha s-socjeta` Rexa Facilitations Ltd, ikun awtorizzat jesegwixxi s-sentenza tas-7 ta' Marzu 2012. L-ewwel Qorti laqghet dik it-talba u mid-digriet relattiv sar appell ukoll – ghalkemm hemm dubbju kemm dan hu possibbli.

Din il-Qorti tara li hu veru li l-mandat ta’ sekwestru inkwistjoni jista’ jitqies null ghax gie pprezentat minn socjeta` li ma kienitx tezisti, pero`, darba li s-sentenza, issa, tista’ tigi enforzata mill-persuna li lilha gie cedut id-dritt (stante li din semplicement libset il-libsa li kellha qabel is-socjeta` Rexa Facilitations Ltd u kwindi, ma titqiesx bhala persuna estranea – ara **Barc Co. Ltd v. Avukat Generali et**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, fit-18 ta’ Mejju 2006), din il-Qorti tara’ li ghandha tikkonferma d-digriet li bih l-ewwel Qorti awtorizzat lill-John Denoon Reid jesegwixxi s-sentenza, u, bid-duttrina ta’ *ius superveniens*, tqis validu l-mandat ta’ sekwestru inkwistjoni, b’dan li ghandha ssir d-debita korrezzjoni fl-okkju tal-mandat relattiv. Din id-duttrina ta’ *ius superveniens* intuzat mill-qrati taghna biex issalva dak li hu salvabbli, u din il-Qorti tara li, f’dan il-kaz, tista’ u ghandha ssalva l-mandat la darba jekk jithassar ikun jista’ jsir iehor gdid bl-okkju korrett – u dan anke biex jigu evitati spejjez zejda u inutili.

Din il-Qorti hi konxja tal-fatt li fl-imsemmija kawza **Farrugia et v. JIT Trading Ltd**, din il-Qorti, Sede Inferjuri, ma kinitx accettat is-sanzjoni tal-appell propost b’rikors ghal-legitimazzjoni tal-atti li tressaq wara, izda dak qalitu peress li mhux ammissibbli l-estensjoni tat-termini tal-appell. Intqal a propositu:

“Ma jidherx li hu ammissibbli illi din it-talba ssir zmien wara l-proposizzjoni ta’ l-appell ghall-iskop ta’ l-integrazzjoni ta’ dak l-interess guridiku skond il-karatteristici kollha tieghu. Daqstant iehor, imbaghad, hu inammissibbli, jekk mhux ukoll inawdit, illi l-imsemmi appellanti bhal speci jippretendi li ghandu jkollu r-rimissjoni fit-terminu sussegwenti ghall-approvazzjoni mill-Qorti tar-rikors tieghu u ta’ hutu ghal-legittimazzjoni ta’ l-atti pprezentat xahar wara dak ta’ l-appell. Sa fejn jirrizulta lil din il-Qorti tali ammissibilita` hi, skond il-ligi procedurali taghna, possibbli biss ghal dawk li huma termini dekadenzjali fil-kaz tal-kontumacja izda mhux ukoll biex tipproroga t-terminu ghal prezentata ta’ l-appell.”

Hawnhekk ma hemmx termini x'jigu estizi, u l-ezekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2012 tista' ghad issir bil-prezentazzjoni ta' mandat mit-titolar tad-dritt; ghalhekk, l-applikazzjoni tad-duttrina ta' *ius superveniens* tista' ssir u qed isir.

Ghar-rigward tal-iskrittura ta' cessjoni tad-dritt litigjuz, din giet ezaminata u accettata mill-ewwel Qorti, u stante l-fatt li din ic-cessjoni saret meta l-kawza kienet ghada pendenti, saret konformi mas-sitwazzjoni tal-fatt kif kienet ezistenti dak iz-zmien. Il-fatt li fl-iskrittura ta' cessjoni ma hemmx indikat prezz ma jgibx ghan-nullita` tal-istess u lanqas, f'dan il-kaz, ma jippregudika lid-debitur, peress li kuntrarjament ghal dak sostnut mill-appellant, l-Artikolu 1483 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ma japplikax. Dan ghaliex, kif jiddisponi l-Artikolu 1484(b) tal-istess Kap. 16, jekk ic-cessjoni giet maghmula lill-kreditur bil-hlas ta' dak li kellu jiehu, l-Artikolu 1483 ma japplikax u dak li kontra tieghu jkun gie cedut jedd litigjuz ma jistax jehles mic-cessjonarju billi jaghtih lura l-prezz veru tac-cessjoni bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, u dan stante illi ma sar l-ebda hlas mill-istess cessjonarju imma sodisfazzjon ta' pretensjoni ta' debitu dovuti minn Rexa Facilitations Limited lil John Denoon Reid.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq minn Exalco Holdings Ltd, illum maghrufa bhala Exalco Group Ltd, billi tichad l-istess u tikkonferma z-zewg digrieti moghtija mill-Qorti fit-3 ta' Awwissu 2012, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 867/12.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri kollha, inkluz dawk in prim istanzi, anke ghalhiex kien nuqqas ta' Salvino Farrugia nomine li wassal ghal dan id-dizgwid, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------